

Nirringrazzjakom ilkoll talli tinsabu hawn illum. Naf kemm dan hu importanti għall-poplu ta' Iżrael li ġarrab l-aġħar attackk terroristiku f'ġenerazzjonijiet sħaħ.

Jiena kburiġa li ninsab hawn illum flimkien ma' tant minnkom. Il-preżenza tagħna hawn, barra mill-Parlament Ewropew, tfisser ħafna. Il-fatt li nġbarna fl-Agorà Simone Veil huwa simboliku. Il-vuċi tagħna hija importanti u l-pożizzjoni soda tagħna kontra t-terroriżmu hija kruċjali.

Is-7 ta' Ottubru jibqa' mfakkar fl-istorja bħala jum ta' infamja globali. Id-dinja rat lil Lhud jiġu assassinati sempliċement għax kienu Lhud. U dan reġa' ġara, f'Iżrael.

Ninsabu hawn, flimkien mal-President tal-Kunsill Ewropew, mal-President tal-Kummissjoni Ewropea u magħkom ilkoll, kollha magħqudin, biex nesprimu s-solidarjetà tagħna, nikkundannaw l-atti faħxin ta' terror u ta' qtil u nitolbu li jinħelsu minnufih l-ostaġġi.

L-Ewropa hija lesta tgħin fil-medjazzjoni tar-risoluzzjonijiet, iżda dan għedtu qabel imma vallaġena nirrepetih: m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għat-terroriżmu.

Hamas huwa organizzazzjoni terroristika. Ma jirrappreżentax l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-poplu Palestinjan. Ma joffrix soluzzjonijiet. Joffri ċarċir ta' demm.

Jeħtieġ li kliemna jkun ċar. Fis-7 ta' Ottubru l-militanti ta' Hamas qatlu aktar minn elf tarbija, tifel u tifla, mara u raġel innoċenti, u jżommu kważi 100 ruħ oħra bħala ostaġġ. Fetħu n-nar fuq mijiet ta' żgħażaġh f'festival tal-mużika, fejn qatlu indiskriminatament, anki ċittadini tal-UE. Ħatfu anki tfa. Ħadu lil anzjani li rnexxielhom jibqgħu ħajjin mill-Olokawst u kaxkruhom 'il barra minn djarhom. Urew il-katavri f'parati fit-toroq qishom trofej.

Dan mhuwiex il-mument li naħarbu minn problema billi nisħqu li hemm anki problemi oħrajn, aktar gravi, x'nindirizzaw. Jeħtieġ li nkunu ċari dwar xiex qed nitkellmu: dan hu terroriżmu fl-aġħar forma tiegħu.

Ambaxxatur Regev, grazzi talli qiegħed hawn illum. Din hija l-Ewropa. Aħna miegħek.

U issa nitlobkom tosservaw mument ta' silenzju biex niftakru fil-vittmi.